FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 29 ta' April, 2002

**Avviz Nru:1071/01PM**

**Elmo insurance Agency, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc. Cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance London Insurance plc**

**Vs**

**Mario Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u disa' u sebghin Liri Malti u tmienja u hamsin centezmu (Lm279.58) rapprezentati bilanc wara li s-socjeta' attrici noe kienet obbligata skond id-disposizzzjonijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta

li taghmel tajjeb favur l-attur fill-kawza fl-ismijiet *Emanuel Genovese vs Mario Borg* (Citaz. Nru. 652/00/RCP istitwita bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li gara' fill-25 ta' April, 1999 gol-Hamrun meta l-konvenut tat-traffiku kien qed isuq il-vettura Nru. Mar 222 assikurata mis-socjeta' attrici noe, liema kawza kienet deciza mill-Prin'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru, 2000 kontra l-konvenut unikament ghaliex ghalkemm kien debitament notifikat bic-citazzjoni tal-kawza la avza lis-socjeta' attrici noe la deher ghall-kawza u wisq anqas ikkontesta t-talba attrici. B' hekk il-konvenut kien inadempljenti fl-obbligi kontrattwali tieghu mas-socjeta' attrici noe;

Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju , 2001 u bl-imghax legali mill-21 ta' Gunju, 2001;

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-Mark Cutajar Mifsud jikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**